MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 1238/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 21 TA' MARZU 2013**

**SPETTUR CHRIS PULLICINO**
**VS**
**JOSEPH BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputatzzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Borg, ta' 75 sena, iben Wilfred u Lorenza nee' Marks, imwieled Paola nhar l-10 ta' Frar 1937, residenti 93, St. Jude, Triq is-Sirk, Swieqi, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 163037 M;

Talli nhar id-19 ta’ Novembru 2012, u fil-granet ta’ wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh jew bil-hsieb li jgieghel lil Rita Schembri tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghme xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lill-imsemmija Rita Schembri jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Rita Schembri u Mark Schembri, wegghahom bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor liema kitba, figuri disinji gew mxandrin jew esposti fil-pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Jannar, 2013, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta din il-kawza  sommarjament skond il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza wara li l-partijiet ressqu l-provi kollha taghhom;

Semghet it-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma kemm xejn komplikati, u ghandhom indoli civili qawwija li ser jinnecessitaw lil din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali tidhol ftit fihom. Il-fatti tal-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien baghat 'e-mail' lil Rita Schembri, persuna impjegata fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, datata 19 ta' Novembru, 2012, fejn hu taha zmien erbgha w ghoxrin siegha biex taghmel tajjeb ghad-dejn kummercjali taghha u thallas lil certu Ben Kingsley is-somma ta' sitta w ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin, u lil certu Omar Granata s-somma ta' tmienja w ghoxrin elf Ewro. Fin-nuqqas li hi taghmel hekk, hu kien ser jirrapportaha lill-organizzazzjoni ewropeja maghrufa bhala OLAF, li hija l-agenzija ewropeja li tinvestiga kazijiet ta' frodi fost affarjiet ohra. Fl-istess 'e-mail' qalilha biex tghid lir-ragel taghha Mark biex ma jibqax ihajjar persuni biex jehilsu minnu, cioe' minn Borg. Dak, in succinct, huwa li wassal ghal dawn il-proceduri, fejn il-Pulizija harget akkuza kontra Joseph Borg ghal rikatt u ingurja fil-konfront ta' Rita Schembri.

Ir-relazzjoni bejn Borg u Schembri kienet wahda purament ta' negozju kummercjali. Borg huwa sid ta' diversi proprjetajiet u kumpanniji kummercjali, mentri Rita Schembri hija impjegata fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, u fost ix-xoghol taghha hija membru wkoll tal-agenzija OLAF imsemmija aktar 'il fuq. Li gara bejn Borg u Schembri kien dan. Wiehed minn dawn il-fondi ta' Borg, precizament restaurant f' Bugibba, kien gie mikri lil Rita Schembri u lir-ragel taghha Mark permezz ta' kuntratt ta' kiri datat 21 ta' Frar, 1995. Fost il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejniethom, kien hemm klawsoli li jirregolaw x'jigri f'kaz li Schembri bhala inkwilini jissullokaw in-negozju lil terzi, u f'dak il-kaz Borg bhala s-sid originali tal-fond kellu jircievi hlas ghal kull sullokazzjoni eventwali u sussegwenti, skond il-pattijiet hemmhekk indikati u miftiehma bejn il-partijiet. Il-konjugi Schembri kienu fil-fatt dahlu fi ftehim ma' terzi, l-ewwel ma' persuni ta' nazzjonalita' nigerjana, li ghal kull bwon fini jissemmew bhala Ben Kingsley, u aktar tard ma' persuna ohra jismu Oscar Granata. Hekk kif sar jaf b'dan il-ftehim milhuq, Borg ippretenda hlas minn ghand dawn il-persuni u minn ghand Schembri. Ghalhekk kien

ipprezenta kawza fil-qorti civili kontra Rita u Mark Schembri fl-14 ta’ Lulju 2003, liema kawza ghaddiet in gudikat anke mill-appell fit-3 ta’ Frar 2009.

Jidher ghalhekk li l-mertu ta’ dawn il-proceduri kriminali huwa marbut ma’ din il-kwistjoni civili. Borg baghat l-‘e-mail’ in kwistjoni biex, skond hu, Schembri thallas id-dejn kummercjali li kellha ma’ Kingsley u ma’ Granata, ghax inkella Borg kien ser jirrappurtaha lill-agenzija OLAF – fejn kienet tahdem bhala funzjonarju tal-gvern malti.

Id-difiza tal-imputat hija wahda semplici. Hu jikkontendi li l-konjugi Schembri huma debituri ta’ terzi li kienu dahlu f’negozju maghhom, u ghalhekk hu ried li Schembri thallas il-flus dovuti lilhom jew, fin-nuqqas, hu kien ser jaghmel rapport lill-istituzzjonijiet ewropej li Rita Schembri kienet iffrodat dawk il-flus lil terzi, meta Schembri ironikament kienet wahda mill-persuni li tinvestiga l-frodi fl-istess istituzzjoni. Hu ghalhekk jikkontendi li b’dak li ghamel kien biss “whistleblower” u ma wettaq l-ebda reat kriminali. Ried biss li min kellu jithallas minn Schembri jkollu mezz biex jigbor flusu lura.

Illi l-mertu ta’ din il-kawza kriminali ghandu retroxena li gej mill-kamp civili, kif gie spjegat aktar ‘il fuq, u ghalkemm l-azzjoni civili hija ghal kollox indipendenti minn dik kriminali, il-Qorti kellha bil-fors tezamina din ir-retroxena, minghajr ma tidhol f’wisq dettall u minghajr ma tidhol wisq fil-mertu civili. Il-parti leza Rita Schembri u r-ragel taghha Mark Schembri kienu hadu fond kummercjali b’titolu ta’ kera minn ghand kumpannija mmexxija mill-imputat. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet li dan il-fond ma setax jigi sullokat mill-konjugi Schembri minghajr il-kunsens tal-imputat bhala s-sid originali tal-proprjeta’, u minghajr ma jircievi hlas minn ghandhom. Minkejja din il-kundizzjoni, il-konjugi Schembri dahlu f’ zewg kuntratti ohra ma’ zewg persuni differenti, kif gia’ spjegat, fejn jidher li effettivament issullokaw il-fond lilhom, minghajr ma avzaw lil Borg. Hekk kif sar jaf, Borg fetah kawza civili quddiem il-qrati kompetenti, li l-mertu taghha ghadda in gudikat permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta’ Frar 2009, esebita f’dawn l-atti a fol 51 *et seq* tal-process. Minn

din is-sentenza jirrizulta li l-konjugi Schembri kienu kisru l-kundizzjoni tal-kuntratt ta' bejnhom u Borg, u ghalhekk il-Qorti kienet ordnat li l-istess kuntratt gie tterminat u huma gew ordnati jivvakaw il-fond favur Borg. It-talbiet l-ohra ta' Borg gew michuda, sew mill-Prim' Awla kif ukoll mill-Appell.

Minn din is-sentenza tal-qorti civili, ghalhekk, jidher car li Borg ma kellu ebda titolu jew mandat sabiex jigbor flus minn ghand Schembri li setghu kienu dovuti lil terzi. Dan il-fatt l-imputat jaqbel mieghu. Minkejja dan, izda, hu jghid li kien qed jagixxi ta' cittadin responsabbli u jipprova jghin lill-persuni li, skond hu, kienu ngidmu mill-konjugi Schembri, kif jirrizulta mill-istess 'e-mail' tieghu.

Jidher ghalhekk minn dawn il-fatti li ma kien hemm ebda sentenza ta' qorti jew tribunal civili li kkundannat lil Schembri u li ordnat li jsir hlas lil Kingsley u/jew lil Granata. Fl-assenza ta' tali sentenza li tiddikjara dejn cert, likwidu u dovut favur Kingsley jew Granata, din il-Qorti qed tifhem li Borg qabad u minn jeddu ghamilha ta' qorti u ta' imhallef u hareg is-sentenza hu hekk kif deherlu. Mhux talli, anzi ghamilha wkoll ta' marexxall tal-qorti billi pprova jesegwixxi hu s-sentenza tieghu stess, minghajr ma kellu ebda awtorizzazzjoni jew mandat jew prokura ta' Kingsley jew ta' Granata. Kien x'kien il-kuntratt ta' lokazzjoni bejnu u bejn Schembri, kienu x'kienu l-kundizzjonijiet ta' dak il-kuntratt, kien x'kien il-ftehim milhuq bejn Schembri u Kingsley, u sussegwentement bejn Schembri u Granata, u kien x'kien l-ammont ta' flus li Schembri kellhom ihallsu lil Borg wara s-sullokazzjoni, Borg ma kellu qatt il-jedd u d-dritt jaghmilha ta' "judge and jury" u jaqbad u jibghat dik l-'e-mail' kif ghamel. Aktar u aktar ma kellu ebda jedd jew dritt jasal ghal konkluzjoni li Schembri kienet iffrodat jew wettqet misapproprjazzjoni fuq terzi meta ma hemm l-ebda sentenza ta' qorti li tghid dan. Iz-zewg sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Appell, esebiti f'dawn l-atti, ma jghidu xejn fuq dan. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, Borg ma kellu ebda jedd jibghat dik l-'e-mail' lil Schembri, ma kellu ebda jedd jitlob li hi thallas lil terzi, u ma kellu ebda obbligu jirrapportaha lill-awtoritajiet kif qal li kien ser jaghmel. Tant hu hekk, li anke jekk, ghas-sahha tal-argument, kien

hemm xi sentenza li tghid li Schembri kienu hatja ta’ frodi jew ta’ misapproprjazzjoni fil-konfront ta’ terzi, xorta ma kien ser ikollu ebda jedd jew titolu jibghat dik l-e-mail. Semmai, l-imputat ried l-ewwel ikolli xi mandat jew prokura minn ghand Kingsley u Granata, imbaghad jistitwixxi procedure fil-Qorti kompetenti ghan-nom taghhom, u mhux jaqbad u jiddeciedi li Schembri ghamlet frodi u jmur ixandarha hekk ma kulhadd.

Ghalhekk din il-Qorti issa trid tara jekk dan l-agir tal-imputat, skorrett kemm kien skorrett, jammontax ghar-reati kriminali imputati lilu. Joseph Borg gie akkuzat b’zewg reati, dak ta’ rikatt taht l-Artikolu 250 tal-Kap 9, u dak tal-ingurja taht l-Artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9.

Kwantu ghar-reat ta’ rikatt, hekk kif inhu komunement maghruf, ma jirrisultax li Borg kien ser jaghmel qligh ghalih innifsu b’dak li ghamel. Hu jallega li l-intenzjoni tieghu kienet biss li jirkupra flus dovuti lil Kingsley u lil Granata. Hu ma ried xejn ghalih. Ghalhekk, element essenzjali fir-reat ta’ rikatt, u cioe’ dak tal-qligh ghal min iwettaq ir-reat, hu ghal kollox nieqes mill-kwadru ta’ fatti. Huwa minnu li Borg kwazi ordna lil Schembri biex thallas lil terzi, izda dan ma jistax iwassal ghal xi qligh ghalih personali, aktar u aktar jekk ma kien hemm ebda rabta bejnu u bejn Kingsley u Granata. Ghalhekk, in vista li dan l-element tant essenzjali ghar-reat ta’ rikatt huwa nieqes, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dik l-imputazzjoni.

Kwantu ghar-reat l-iehor, dik ta’ ingurja/malafama, l-azzjoni tal-imputat taqa’ ezatt fl-elementi ta’ dan ir-reat. Huwa evidenti ferm li l-imputat ma kellu ebda jedd jiddeciedi li Schembri kienet sahansitra iffrodat lil Kingsley u lil Granata. Jekk kien hemm arrangamenti kummercjali bejniethom, kien jispetta biss lill-istess Kingsley jew Granata li jistitwixxu proceduri gudizzjarji kontra Schembri u jirkupraw flushom, haga li evidentement ma saretx. Fl-assenza ta’ sentenza jew dikjarazzjoni ta’ Qorti kompetenti li tghid li Schembri hija debitrici ta’ dawk in-nies, jew li addirittura iffrodathom, l-imputat ma jistax jaqbad u jiddeciedi hu ghalih innifsu li Schembri iffrodathom u li ghalhekk ghandha thallashom ammonti ta’

flus lilhom. Daqshekk iehor m'ghandu ebda dritt jirrapporta lil Schembri b'xi reat kriminali mas-superjuri taghha, meta hu m'ghandu ebda mandat jew prokura jirrappresenta lil Kingsley u lil Granata, u meta ma hemm ebda sentenza ta' qorti kompetenti li tghid li Schembri kienet hatja ta' frodi. Ghalhekk, li Borg jibqa' jinsisti lil hu "whistleblower" u li jghid li Schembri hija frodista huwa ghal kollox skorrett. F'dan il-kaz, m'huwiex biss skorrett izda l-agir tieghu jammonta ghal reat kriminali. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-uniku skop li kellu l-imputat f'dan kollu kien biss li jaghmel il-hsara lil Schembri u li jingurjaha pubblikament. Dan kollu gej mir-retroxena ta' bejniethom, kif spjegat aktar 'il fuq. Jidher li bejn Schembri u l-imputat ghad hemm kawzi ohra civili pendenti, u hija evidenti ferm li ghad hemm certa animosita' bejn il-partijiet.

L-azzjoni tieghu hi aktar gravi peress illi hu baghat e-mail mhux biss lil Rita Schembri, izda l-istess e-mail baghtha lil persuni ohra, kif jirrisulta mill-provi u kif inhu ammess minnu wkoll. Mhux hekk biss, izda sahansitra jghid li dik l-e-mail kien ser jibghata lill-OLAF, u jxandar l-isem ta' Rita Schembri ma' kulhadd. Dan jaqa' precizament taht l-ingurja bil-kitba hekk kif sancit fl-Artikolu 252(3) tal-Kap 9, u ggib maghha piena ta' mhux izjed minn sena prigunerija.

Ghalhekk, kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti hi tal-fehma li azzjoni bhal din li ghamel l-imputat ma tistax tigi semplicement sanzjonata bi twiddiba jew canfira, jew b'mezz iehor kif hemm prefiss fil-Kap 446. Kif gia' gie spjegat qabel, l-imputat ma kellu ebda dritt jibghat dik l-e-mail hekk kif ghamel. Ghalhekk il-piena ghandha tkun wahda severa li sservih ta' lezzjoni, u fl-istess waqt izzommu milli jittanta jwettaq reat iehor simili fil-futur.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 250(1), 252 (1)(3), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnha;

Issibu hati tat-tieni imputazzjoni, u ghalhekk tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, sospizi ghal sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------